**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Marzu, 2017**

**Citazzjoni Nru: 193/2010 AF**

**Anthony Camilleri, iben id-defunt Saviour Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri, f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti:**

**Shirley Ann Bradford, Albert Cameron, David Cameron u Vera Kemp, ulied id-defunt Vincent (maghruf ukoll bhala Vincent Cameron) Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Michelle Feltwell, Darren Cameron, Caroline Hassaratti, Christine Marie Besic, ulied id-defunt John Cameron, bin id-defunt Vincent (maghruf ukoll bhala Vincent Cameron) Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Christine Kemp u Vincent Hokins, ulied id-defunta Mary Hokins, bint id-defunt Vincent (maghruf ukoll bhala Vincent Cameron) Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**David Anthony Purdy u Bradley Charles Purdy, ulied id-defunta Audrey Purdy, bint id-defunt Vincent (maghruf**

**ukoll bhala Vincent Cameron) Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**John Agius, Mary Caruana u Paul Agius, ulied id-defunta Carmen Agius, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Esther Camilleri, Mary Sciberras u Anthony Vella, ulied id-defunta Rose Vella, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Leanne Atkinson, Kathleen Vella, Diane Vella u Jason Vella, ulied id-defunt Angelo Vella, bin id-defunta Rose Vella, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Angelo Vincent Paul Camilleri, Anna Rose Sammut u Esther Silver, ulied id-defunt Saviour Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Mary Rebetzke, Pauline Mary Cappello, Euphrasia Eiteneuer, Doris Fry, Mary Assunta Easton, Valentino Micallef u Josephine Helen Prior, ulied id-defunta Angela Mayer, bint id-defunta Victoria Micallef, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**William John Mayer, Lester Charles Mayer, Michelle Anne Simpson u Patricia Lynch, ulied id-defunta Angela Mayer, bint id-defunta Victoria Micallef, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Paul Camilleri, iben id-defunt Annunziato Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri, f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti hutu Carmel Camilleri u John Camilleri;**

**John Mary Borg, bin id-defunta Anna Borg, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri, f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti hutu Victoria Dimech u Joseph Borg;**

**Angelo Borg, bin id-defunta Anna Borg, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Margaret Mallia, Agnes Calleja u Carmen Camilleri, ulied id-defunt Saviour Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Stephen Mifsud, bin id-defunta Maria Mifsud, bint id-defunt Saviour Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;**

**Joseph Camilleri, Anthony sive Tony Camilleri, Alfred Camilleri u Salvina Camilleri, ulied id-defunt Annunziato Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri; u**

**Denise Sammut u Amanda Sammut, ulied id-defunta Maria Assunta Sammut, bint id-defunt Annunziato Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri**

**vs**

**Victoria Camilleri bhala eredi tad-defunt Giuseppe Camilleri, iben id-defunti Michelangelo Camilleri u t-tieni mara tieghu Margherita Camilleri;**

**Teresa Farrugia, Maria Camilleri, Doris Sant, John Mary Camilleri u Joseph Camilleri, ulied id-defunti Michelangelo Camilleri u t-tieni mara tieghu Margherita Camilleri; u**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u l-PL Luisa Tufigno li b'digriet tal-20 ta' April 2010 gew nominati kuraturi deputati**

**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Vincent Camilleri, iben id-defunti Michelangelo Camilleri u t-tieni mara tieghu Margherita Camilleri u Carmelo Camilleri li gie kjamat fil-kawza b'digriet tat-3 ta' Gunju 2010**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Anthony Camilleri et li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Id-defunt Michelangelo Camilleri kien mizzewweg darbtejn – l-ewwel zwieg ma' Maria neé Agius u, wara l-mewt taghha, ma' Margherita neé Fenech.

Mill-ewwel zwieg tieghu mal-imsemmija Maria neé Agius, id-defunt Michelangelo Camilleri kellu seba' ulied, illum ilkoll mejtin, u cioè Salvatore, Annunziato, Vincenzo, Anna, Carmela, Victoria u Rosina.

L-atturi huma lkoll l-eredi u aventi kawza ta' dawn is-seba' ulied tad-defunt Michelangelo Camilleri mill-ewwel zwieg tieghu ma' Maria neé Agius.

Mit-tieni zwieg tieghu ma' Margherita neé Fenech, id-defunt Michelangelo Camilleri kellu seba' ulied ohra u cioè l-konvenuti Teresa Farrugia, Maria Camilleri, Doris Sant, Jimmy Camilleri, Joseph Camilleri, l-assenti Vincent Camilleri u d-defunt Giuseppi Camilleri.

Maria Camilleri neé Agius, l-ante kawza tal-atturi, mietet fis-16 ta' Frar 1929.

L-imsemmi Michelangelo Camilleri miet fil-21 ta' Gunju 1972.

Margherita Camilleri neé Fenech, l-ante kawza tal-konvenuti mietet fil-25 ta' Awwissu 1991.

B'testment unica charta tat-8 ta' Ottubru 1932, in atti Nutar Giovanni Chetcuti (vide Dok. "A") maghmul mat-tieni mara

tieghu, Margherita neé Fenech, id-defunt Michelangelo Camilleri kien innomina bhala werrieta universali tieghu lis-seba' ulied li kienu twieldu mill-ewwel zwieg tieghu mad-defunta Maria neé Agius – Salvatore, Annunziato, Vincenzo, Anna, Carmela, Victoria u Rosa – u liz-zewg ulied li sa dak il-mument kienu twieldu mit-tieni zwieg tieghu ma' Margherita neé Fenech – Carmelo u Giuseppe – fi kwoti indaqs bejniethom.

B'testment unica charta addizzjonali tal-20 ta' Settembru 1947 in atti Nutar Giovanni Chetcuti (vide Dok. "B") id-defunt Michelangelo Camilleri, flimkien mat-tieni mara tieghu, Margherita neé Fenech, bidlu u varjaw l-ewwel testment fuq imsemmi bil-mod segwenti – halla bi prelegat in-nofs tieghu mic-cens temporanju tal-ghalqa "Ta' Wied Kannotta" fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar lis-seba' uliedu mit-tieni zwieg u halla b'titolu ta' legat lil martu Margherita Camilleri r-razzett tieghu fil-Wardija kompriz il-garage li hemm mieghu dak kollu li hemm fl-istess razzett mill-ghatba 'l gewwa (bl-eccezzjoni ta' flus, titoli u dokumenti li jirrapprezentaw flus u deheb u hagar prezzjuz) flimkien ma' porzjon raba' ta' madwar tomnejn illi jmiss mal-istess razzett.

Permezz ta' dawn id-dispozizzjonijiet testamentarji maghmula permezz tat-testement unica charta addizzjonali tal-20 ta' Settembru, 1947 in atti Nutar Giovanni Chetcuti, gew ippregudikati d-drittijiet tas-seba' ulied tal-imsemmi defunt Michelangelo Camilleri mill-ewwel zwieg tieghu mad-defunta Maria neé Agius – Salvatore, Annunziato, Vincenzo, Anna, Carmela, Victoria u Rosa – u cioè ta' ante kawza tal-atturi billi dawn l-ulied mill-ewwel zwieg thallew porzjoni izghar mill-massa ereditarja tad-defunt Michelangelo Camilleri mit-tieni mara tal-istess defunt, Margherita neé Fenech, u mis-seba' ulied illi l-istess defunt kellu mit-tieni zwieg tal-imsemmija Margherita neé Fenech, u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar is-successjoni.

Skond il-ligi vigenti dak iz-zmien it-tieni mara tal-testatur u wliedu mit-tieni zwieg ma jistghux jiehdu mill-wirt tieghu izjed milli jiehu l-inqas favorit fost it-tfal tal-ewwel zwieg u ghaldaqstant il-porzjon tal-wirt imhollija lit-tieni mara u lit-tfal

mit-tieni zwieg ghandha tigi ridotta ghall-valur tal-porzjon li jiehu l-inqas favorit fost it-tfal tal-ewwel zwieg.

Ukoll ghad trid tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti già ezistenti bejn id-defunt Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria neé Agius u dan stante illi l-wirt tad-defunta Maria Camilleri neé Agius jispetta unikament lill-atturi ad eskluzjoni tal-konvenuti.

Ukoll irid jigi determinat il-konsistenza tal-assi parafernali tad-defunta Maria Camilleri neé Agius stante illi tali gid parafernali jispetta skond il-ligi unikament lill-atturi ad eskluzjoni tal-konvenuti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi ebda wiehed u/jew wahda mill-konvenuti, bhala ulied u eredi tad-defunt Michelangelo Camilleri mit-tieni zwieg tieghu mad-defunta Margherita neé Fenech, u kif ukoll bhala werrieta tal-istess ommhom Margherita Camilleri neé Fenech, ma jistghu jiehdu mill-wirt tal-imsemmi defunt missierhom Michelangelo Camilleri izjed mill-inqas favorit fost l-ante kawza tal-atturi u cioè Salvatore, Annunziato, Vincenzo, Anna, Carmela, Victoria u Rosina, ahwa Camilleri, ulied l-istess defunt Michelangelo Camilleri mill-ewwel zwieg tieghu mad-defunta Maria neé Agius.

2. Tillikwida u tikkwantifika l-konsistenza tal-assi kollha formanti parti minn u komprizi fis-successjoni tad-defunt Michelangelo Camilleri konsistenti f'dawk l-assi parafernali tieghu u s-sehem tieghu ta' nofs indiviz mill-komunjoni tal-akkwisti già ezistenti bejnu u l-ewwel mara tieghu Maria neé Agius u nofs indiviz mill-komunjoni tal-akkwisti gjà ezistenti bejnu u t-tieni mara tieghu Margherita neé Fenech u dawk is-sostanzi l-ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi.

3. Konsegwentement tillikwida l-valur intier tal-assi kollha formanti parti minn u komprizi fis-successjoni tad-defunt Michelangelo Camilleri, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi.

4. Tillikwida l-valur ta' dawk l-assi kollha formanti parti minn u komprizi fis-successjoni tad-defunt Michelangelo Camilleri li, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet testamentarji stipulati fit-testment unica charta tat-8 ta' Ottubru 1932 in atti Nutar Giovanni Chetcuti u testment unica charta addizzjonali tal-20 ta' Settembru, 1947 in atti Nutar Giovanni Chetcuti, thallew mill-istess defunt Michelangelo Camilleri kemm lit-tieni mara tieghu Margherita Camilleri neé Fenech u kif ukoll lil uliedu mit-tieni zwieg mal-istess Margherita Camilleri neé Fenech, u cioè l-konvenuti u l-ante kawza taghhom, inkluz b'titolu ta' legat u ta' prelegat.

5. Tiddikjara li, bis-sahha tal-fuq imsemmija dispozizzjonijiet testamentarji stipulati fit-testment unica charta tat-8 ta' Ottubru 1932 in atti Nutar Giovanni Chetcuti u t-testment unica charta addizzjonali tal-20 ta' Settembru 1947 in atti Nutar Giovanni Chetcuti, Margherita Camilleri neé Fenech, it-tieni mara tad-defunt Michelangelo Camilleri, u l-konvenuti u l-ante kawza taghhom bhala l-ulied tad-defunt Michelangelo Camilleri mit-tieni zwieg tieghu, thallew izjed mill-inqas favorit fost l-ante kawza tal-atturi u cioè Salvatore, Annunziato, Vincenzo, Anna, Carmela, Victoria u Rosina, ahwa Camilleri, ulied l-istess defunt Michelangelo Camilleri mill-ewwel zwieg tieghu mad-defunta Maria neé Agius.

6. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi, l-valur ta' dawk l-assi formanti parti minnu komprizi fis-successjoni tad-defunt Michelangelo Camilleri li, bis-sahha tal-fuq imsemmija dispozizzjonijiet testamentarji stipulati fit-testment unica charta tat-8 ta' Ottubru 1932 in atti Nutar Giovanni Chetcuti u t-testment unica charta addizzjonali tal-20 ta' Settembru 1947 in atti Nutar Giovanni Chetcuti, thallew lil Margherita Camilleri neé Fenech, it-tieni mara tad-defunt Michelangelo Camilleri, u

l-konvenuti u l-ante kawza taghhom bhala l-ulied tad-defunt Michelangelo Camilleri mit-tieni zwieg tieghu, in eccess ta dak li, bis-sahha tal-istess dispozizzjonijiet testamentarji, thalla lill-inqas favorit fost l-ante kawza tla-atturi u cioè Salvatore, Annunziato, Vincenzo, Anna, Carmela, Victoria u Rosina, ahwa Camilleri, ulied l-istess defunt Michelangelo Camilleri mill-ewwel zwieg tieghu mad-defunta Maria neé Agius.

7. Tiddikjara illi tali eccezz ghandu jinqasam u jigi diviz fi hmistax-il (15) porzon ta' valur ugwali li ghandhom jigu assenjati in kwantu ghal kwindicesima parti kull wiehed lil

(i) Shirley Ann Bradford, Albert Cameron, David Cameron u Vera Kemp; Michelle Feltwell, Darren Cameron, Caroline Hassaratti, Christine Maire Besic; u Christine Kemp u Vincent Hokins; u David Anthony Purdy u Bradley Charles Purdy, bhala ulied u aventi kawza tad-defunt Vincent (maghruf ukoll bhala Vincent Cameron) Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(ii) John Agius, Mary Caruana u Paul Agius, ulied id-defunta Carmen Agius, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri;

(iii) John Mary Borg, Victoria Dimech, Joseph Borg u Angelo Borg, ulied id-defunta Anna Borg, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(iv) Esther Camilleri, Mary Sciberras u Anthony Vella; u Leanne Atkinson, Kathleen Vella, Diane Vella u Jason Vella, ilkoll ulied u aventi kawza tad-defunta Rose Vella, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(v) Anthony Camilleri, Margaret Mallia, Agnes Calleja, Carmen Camilleri, Angelo Vincent Paul Camilleri, Anna Rose Sammut, Esther Silver u Stephen Mifsud,

ulied u aventi kawza tad-defunt Saviour Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(vi) Paul Camilleri, Carmel Camilleri, John Camilleri, Joseph Camilleri, Anthony sive Tony Camilleri, Alfred Camilleri, Salvina Camilleri, Denise Sammut u Amanda Sammut, ulied u aventi kawza tad-defunt Annunziato Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(vii) Mary Rebetzke; Pauline Mary Cappello; Euphrasia Eiteneuer; Doris Fry; Mary Assunta Easton; Valentino Micallef, Josephine Helen Prior u William John Mayer, Lester Charles Mayer; Michelle Anne Simpson u Patricia Lynch, ulied u aventi kawza tad-defunta Victoria Micallef, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius; u

lill-konvenuti (8) Victoria Camilleri bhala eredi tad-defunt Carmelo Camilleri, (9) Teresa Farrugia, (10) Maria Camilleri, (11) Doris Sant, (12) John Mary Camilleri, (13) Joseph Camilleri u (14) il-kuraturi deputati li se jigu nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Vincent Camilleri; u (15) kwindicesima parti ohra li tinqasam fost il-konvenuti kollha flimkien f'ishma indaqs u ugwali bejniethom bhala eredi u aventi kawza tad-defunta Margherita Camilleri neé Fenech, it-tieni mara tal-konvenut Michelangelo Camilleri.

8. Tassenja kwindicesima parti minn tali eccess kif likwidat lill-kontendenti bil-mod indikat u mitlub fit-talba precedenti.

9. F'kaz li tali eccess ma jistax jigi likwidat u diviz fi hmistax-il (15) prozjon ta' valur ugwali in natura, tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-beni kollha, mobbli u immobbli, formanti parti minn u komprizi fis-successjoni tad-defunt

Michelangelo Camilleri, sabiex mir-rikavat tal-istess proprjetà l-eccess hekk likwidat in segwitu ghas-sitt talba attrici jigi assenjat kif rikjest fit-tmien talba attrici.

10. Tillikwida, prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja u okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, il-komunjoni tal-akkwisti gjà ezistenti id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet ta' valur ugwali.

11. Tillikwida l-valur tal-beni kollha parafernali appartenenti lid-defunta Maria Camilleri neé Agius, l-ante kawza tal-atturi.

12. Tiddividi l-beni kollha appartenenti lid-defunta Maria Camilleri neé Agius, l-ante kawza tal-atturi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk derivanti mill-komunjoni tal-akkwisti gjà ezistenti bejnha u bejn zewgha d-defunt Michelangelo Camilleri, f'seba' (7) porzjonijiet ta' valur ugwali li ghandhom jigu assenjati in kwantu ghal settima parti kull wiehed lil:

(i) Shirley Ann Bradford, Albert Cameron, David Cameron, u Vera Kemp; Michelle Feltwell, Darren Cameron, Caroline Hassaratti, Christine Maire Besic; u Christine Kemp u Vincent Hokins; u David Anthony Purdy u Bradley Charles Purdy, bhala ulied u aventi kawza tad-defunt Vincent (maghruf ukoll bhala Vincent Cameron) Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(ii) John Agius, Mary Caruana u Paul Agius, ulied id-defunta Carmen Agius, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(iii) John Mary Borg, Victoria Dimech, Joseph Borg u Angelo Borg, ulied id-defunta Anna Borg, bint id-

defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(iv) Esther Camilleri, Mary Sciberras u Anthony Vella; u Leanne Atkinson, Kathleen Vella, Diane Vella u Jason Vella, ilkoll ulied u aventi kawza tad-defunta Rose Vella, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(v) Anthony Camilleri, Margaret Mallia, Agnes Calleja, Carmen Camilleri, Angelo Vincent Paul Camilleri, Anna Rose Sammut, Esther Silver u Stephen Mifsud, ulied u aventi kawza tad-defunt Saviour Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(vi) Paul Camilleri, Carmel Camilleri, John Camilleri, Joseph Camilleri, Anthony sive Tony Camilleri, Alfred Camilleri, Salvina Camilleri, Denise Sammut u Amanda Sammut, ulied u aventi kawza tad-defunt Annunziato Camilleri, bin id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius;

(vii) Mary Rebetzke; Pauline Mary Cappello; Euphrasia Eiteneuer; Doris Fry; Mary Assunta Easton; Valentino Micallef, Josephine Helen Prior u William John Mayer, Lester Charles Mayer; Michelle Anne Simpson u Patricia Lynch, ulied u aventi kawza tad-defunta Victoria Micallef, bint id-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius.

13. Tinnomina Nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta’ assenjazzjoni f’dik id-data, lok u hin illi jigu stipulati minn din l-Onorabbli qorti u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

14. F’kaz li l-ishma kollha jew liema minnhom li ghandhom jigu assenjati lill-kontendenti in segwitu ghat-talbiet kif hawn dedotti ma jistghux jigu assenjati in natura, tordna

l-bejgh in licitazzjoni tal-beni kollha, mobbli u immobbli, formanti parti minn u komprizi fis-successjoni tad-defunt Michelangelo Camilleri u/jew tad-defunta l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri neé Agius sabiex tkun tista' ssir tali assenjazzjoni kif hawn mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-20 ta' April 2010 ġew nominati l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bħala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Vincent Camilleri, iben id-defunt Michelangelo Camilleri u t-tieni mara tiegħu Margherita Camilleri.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Teresa Farrugia li permezz tagħha ġe eċċepit illi:

Preliminarjament Victoria Camilleri mhix unika eredi ta' Giuseppi Camilleri (u mhux ta' Carmelo Camilleri kif gie erronjament indikat) u dan stante li Giuseppe Camilleri miet fit-3 ta' Mejju 2007 intestat minghajr parole u ghalhekk il-wirt tieghu iddevolva fuq martu u fuq hutu kollha sia tal-ewwel u tat-tieni zwieg biex b'hekk l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti ma tistax tissussisti kontra taghhom stess u ghalhekk ghal din ir-raguni l-intimati ghandhom jigu liberati mill-oservanza tal-gudizzju.

Preliminarjament Carmelo Camilleri hu l-konvenuti ma giex imharrek biex b'hekk il-gudizzju mhux integru u ghal din ir-raguni wkoll l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

It-talbiet ghall-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta' Michelangelo Camilleri u Margherita Camilleri digà gew proposti f'citazzjoni *ad hoc* li ggib in-numru 793/2000 JA fl-ismijiet Teresa Farrugia et vs Carmelo Camilleri et differita ghas-seduta tal-21 ta' Gunju 2010 biex b'hekk it-talbiet odjerni rigwardanti l-eredità ta'

Michelangelo Camilleri u Margherita Camilleri ossia ta' likwidazzjoni u divizjoni tal-istess assi ma jistghux jissussistu stante illi huma digà mitluba fic-citazzjoni fuq imsemmija u ghalhekk l-intimati qed jeccepixxu "*lis alibi pendens*" u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Già ladarba digà hemm kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili numru 793/2000 JA fl-ismijiet Teresa Farrugia et vs Carmelo Camilleri et differita ghas-seduta tal-21 ta' Gunju 2010 ikun utili li din il-kawza tinstema' mal-kawza fuq imsemmija jekk l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* ma tigix milqugha minn din il-Qorti.

Michelangelo Camilleri miet fil-21 ta' Gunju 1972 u l-wirt tieghu iddevolva bit-testmenti tiehu tat-8 ta' Ottubru 1932 u l-20 ta' Settembru 1947 fl-atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti biex b'hekk il-proprjetà kollha tar-razzett u l-garaxx fil-Wardija, San Pawl il-Bahar u nofs ic-cens temporanju tal-ghalqa ta' Wied Kannotta, San Pawl il-Bahar iddevolva fuq it-tieni mara tieghu Margherita Camilleri bil-legat lilha mhollija u ghalhekk illum huwa proprjetà tal-intimati ossia settima parti indiviza kull wiehed u konsegwentement r-rikorrenti ma ghandhom ebda sehem mir-razzett u jew mill-art ta' Wied Kannotta.

Ir-razzett u garaxx in kwistjoni kien proprjetà parafernali ta' Michelangelo Camilleri u mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-ewwel mara tieghu Maria Camilleri biex b'hekk Margherita Camilleri wirtet it-totalità tar-razzett u mhux in-nofs indiviz kif pretiz mir-rikorrenti.

L-azzjoni odjerna koncernati l-eredità ta' Michelangelo Camilleri li miet fil-21 ta' Gunju 1972 hija preskritta ghax ghaddew aktar minn 30 sena mill-mewt tieghu u minn mindu Margherita Camilleri omm l-intimati dahlet fil-pussess tal-legat lilha mholli minn zewgha bit-testment taghhom tal-20 ta' Settembru 1947 fl-atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti u ghalhekk kif jistipula l-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjonijiet kollha reali, personali jew misti jaqghu bil-ppreskrizzjoni ta' eghluq it-30 sena u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba nuqqas ta' titolu jew ta' buona fede.

Ghalhekk già ladarba l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u Margherita Camilleri kienet fil-pussess tal-legat lilha mholli mill-mewt ta' zewgha b'mod indisturbat sa mewtha li grat 25 ta' Awwissu 1991 u c-cwievet tal-istess razzett wara mewtha baqghu f'idejn uliedha l-intimati u ghalhekk l-istess intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghax huma proprjetarji assoluti tar-razzett u garaxx fil-Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar proprjetà ta' ommhom Margherita Camilleri li wirtet l-istess razzett u garaxx permezz ta' legat bit-testment fuq imsemmi u dan peress illi l-proprjetà in kwistjoni mhix tal-kontendenti imma unikament tal-intimati.

Margherita Camilleri wara l-mewt ta' zewgha Michelangelo Camilleri baqghet tghix fir-razzett il-Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar biex b'hekk baqghet fil-pussess ta' hwejjigha skond it-testment unika karta bejnha u bejn zewgha tal-20 ta' Settembru 1947 fl-atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti.

Salv kull eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Vincent Camilleri li permezz tagħha eċċepew illi huma mhumiex edotti mill-fatti u għalhek rriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2010 din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba tal-abbli difensur tal-atturi u ordnat il-korrezzjoni fl-okkju sabiex fejn hemm indikat '*Victoria Camilleri bħala eredi tad-defunt Carmelo Camilleri*' tiġi kanċellata l-kelma '*Carmelo*' u sostitwita bil-kelma '*Giuseppe*'.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2010 din il-Qorti diversament presjeduta ordnat illi jiġi kjamat fil-kawża Carmelo Camilleri.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat fil-kawża Carmelo Camilleri li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament, iridu jsiru d-debiti korrezzjonijiet f'din il-kawza stante li l-esponent gie indikat bhala li huwa defunt u rapprezentat mill-konvenuta Victoria Camilleri u stante wkoll li l-konvenut Joseph Camilleri huwa mejjet.

Subordinatament imma in via preliminari, l-atturi jridu, l-ewwelnett u qabel kollox, jippruvaw it-titolu taghhom u cioè kull wiehed mill-atturi ghandu jipprova li huwa verament il-werriet kif indikat bl-istess rikors guramentat u li huwa verament ghandu jinteress guridiku fil-wirt tad-defunti Michelangelo Camilleri u Maria neé Agius.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, t-talbiet huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' ghaxar snin.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, gialadarba qed jintalab f'din il-kawza *inter alia*, l-likwidazjoni tal-assi ereditarji ta' Michelangelo Camilleri u Maria neé Agius u gialadarba dan ukoll gja intalab fil-kawza Citazzjoni numru 793/2000 fl-ismijiet "Theresa Farrugia et vs Carmelo Camilleri et" pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi u differita ghall-21 ta' Gunju 2010, hemm lok ghall-konnessjoni tal-kawzi u ghalhekk din il-kawza ghandha tinstema' flimkien mal-kawza gja imsemmija.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu li d-dispozizzjonijiet testamentarji stipulati fit-testment tat-8 ta' Ottubru 1932 u fit-testment unica carta addizzjonali tal-21 ta' Settembru 1947, it-tnejn in atti Nutar Dottor Giovanni Chetcuti, fihom xi dispozizzjonijiet kontra l-ligi u li jew jilledu d-drittijiet tal-istess atturi.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-ewwel, il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmienja, id-disgha, l-ghaxar talbiet attrici ghandhom jigu respinti u l-likwidazzjoni meta tkun tista' ssir, trid ssir kif mitluba fil-kawza Citazzjoni Numru 793/2000/I JA gja msemmija hlief ghal dak indikat fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo Camilleri, Joseph Camilleri u Vincent Camilleri f'dik l-istess kawza.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, t-talbiet attrici huma guridikament u fattwalment infondati, inattendibbli u inammissibbli u ghandhom jigu respinti.

L-esponenti ma jaqbilx mal-premessi tar-rikors guramentat li ghandhom jigu pruvati.

Il-konvenuti jafu bil-fatti msemmija di scentia propria.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2011 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Avukat Paul Gauci Maistre bħala perit legali.

Rat in-nota tal-konvenuti Carmelo Camilleri u Victoria Camilleri li permezz tagħha ddikjaraw li l-artikolu tal-preskrizzjoni eċċepita bit-tielet eċċezzjoni tagħhom huwa dak li joħroġ mill-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi u wħud mill-konvenuti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawża Carmelo Camilleri, u cioè tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 845(1) tal-Kodiċi Ċivili.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-assi tad-defunti Michelangelo Camilleri u l-ewwel mara tiegħu Maria Camilleri kif ukoll il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn l-imsemmija Michelangelo Camilleri u Maria Camilleri. In oltre r-rikorrenti qegħdin jattakkaw d-disposizzjonijiet testamentarji tat-testment unica carta li għamel Michelangelo Camilleri mat-tieni mara tiegħu Margherita Camilleri għaliex ir-rikorrenti jgħidu li dawn id-disposizzjonijiet testamentarji saru bi ksur tal-liġi dwar is-suċċessjoni u għaldaqstant qegħdin jitolbu lill-Qorti tassenja l-assi hekk likwidati fil-porzjonijiet mitluba fir-rikors promotur.

Din is-sentenza hija limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' Carmelo Camilleri li l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 845(1) tal-Kodiċi Ċivili.

Dan l-artikolu jaqra hekk:

> "*L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew sehem riżervat, sew fil-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni*."

Fil-kawża fl-ismijiet Rosita Curmi vs Salvina Grima, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fit-30 ta' Lulju 2010, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014, ingħad li eċċezzjoni ta' din ix-xorta tista' tiġi sollevata biss f'kawża fejn ikun qiegħed jintalab wirt, jew legat jew sehem riżervat u sabiex tirnexxi trid titressaq prova li l-wirt in kwistjoni kien qiegħed fil-pusses esklussiv tal-konvenuti li jkunu taw l-eċċezzjoni. Ġie rilevat illi:

> "*Fil-kawza* ***Josephine Borg et vs Joseph Bianco*** *deciza fis- 27 ta' Gunju 2008 mill-Qorti ta' l-Appell rega' gie konfermat:-"Iz-zmien mahsub fl-Artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu miz-zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva ("***Borg v. Zammit***", *deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 1955). Dan l-artikolu gie spjegat fis-sens li barra mill-element taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat anke l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun il-pussess formali, jigifieri li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali u mhux bizzejjed il-pussess di diritto (***Camilleri v. Camilleri***, *deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2000).'"*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet John Ellul vs Maria Parnis, deċiża fl-14 ta' Jannar 2014 ingħad hekk:

> "*Ir-rikorrent jikkontendi li z-zmien in kwistjoni mhuwiex zmien ta' dekadenza izda ta' preskrizzjoni normali.*

*Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Edith Galea et vs Joseph Degiorgio et** (Citazz. Nru. 1758/01FS) deciza fit-18 ta' Mejju, 2005 kienet irreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, fejn inghad illi:*

*"Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "petitio hereditatis" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva......*

*Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kawzali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`, konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "di diritto"*

*Il-pussess ta' l-uzurpatur irid ikun ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll "animo domini". Dan il-pussess ghandu jigi ppruvat b' mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni."'*

Finalment fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Joe D'Amico et vs David D'Amico et, deċiża fil-5 ta' Diċembru 2003, saret riferenza estensiva għas-sentenza fl-ismijiet Alberto Grixti vs Angela sive Giulia Ellul deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 1939 fejn ingħad hekk:

*"Hu inudbitat li l-preskrizzjoni … fuq imsemmija hija fin-natura taghha akkwisittiva ghaliex minhabba dak iz-zmien il-possessur tal-eredita' jew tal-legat ikun akkwista d-dritt fuq l-eredità jew fuq il-hewjjeg li jikkomponu l-legat u ghalhekk ikun jista jirrespingi d-dritt ta' min jigi 'l quddiem*

*li ghal dan id-disposizzjoni ghandha natura estintiva. Ghalhekk dan il-pussesur kellhu jipposjedi b' pussess tajjeb li jista' jippreskrivi u skond l-artiklu (dak iz-zmien 1882 – illum 2118) mhux tajjeb ghal dan il-fini il-pussess tal-uzufruttwarju ghaliex dan ikun qieghed jipposjedi mhux animo domini izda semplicement ghall fini li jgawdi l-haga, jiehu l-frutti waqt il-hajja tieghu izda n-nuda propieta' tibqa' ghand haddiehor. Infatti l-fondament ta' kull preskrizzjoni akkwizittiva huwa dak li tevita l-kontestatazzjonijiet peress illi kull min ikun qed jipposjedi ikun mhux b' titolu prekarju kif inhu deskritt fl-artiklu imsemmi) izda titulo propietatis et domini, jibqa' jzomm din il-haga in bona sew in mala fede, pero dejjem bl-animu li qieghed jipposjedi titulo propietatis u ghalhekk qed jaghmel att ta' dominju. Jekk dak l-istat ta' affarijiet baqa' jsehh ghaz-zmien li trid il-ligi u l-veru proprjetarju ma' giex il-quddiem, allura tkun operat ruhha l-usucapione favur dak il-possessur. Dawk pero li jkun qeghdin jipposjedu prekarjament, bhall uzufrittwaji ikun evidenti li huma qeghdin izommu l-haga ghan-nom ta' haddiehor u ghall fini ta-dirtt prekarju taghhom; ghalhekk l-artiklu 1885 (illum 2121) jghid illi: "No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds the thing.'"*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, kif tajjeb josservaw l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, f'dan l-istadju ma jirriżultax illi tressqu ebda provi mill-konvenut Carmelo Camilleri jew addirittura mill-konvenuti l-oħra dwar il-pussess tan-nofs indiviż taċ-ċens temporanju fuq l-għalqa magħrufa bħala ta' Wied Kannota, San Pawl il-Baħar u tar-razzett fil-Wardija. Il-Qorti kull ma għad għandha a disposizzjoni tagħha f'dan l-istadju huma t-testmenti unica carta tat-8 ta' Ottubru 1932 u tal-20 ta' Settembru 1947 u għaldaqstant ċertament ma jistax jingħad illi tressqet prova suffiċjenti dwar il-pussess tal-intimati fuq dawn il-proprjetajiet u wisq inqas illi dan il-pussess jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-liġi u ġurisprudenza msemmija. Il-prova ta' dan il-pussess bħala wieħed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akwiżittiva, tinkombi lil min jinvoka l-preskrizzjoni. F'dan il-każ ma jirriżultax illi l-konvenut ġab prova fir-rigward tal-elementi

neċessarji rigwardanti l-pussess u għaldaqstant l-eċċezzjoni tiegħu f'dan is-sens ma treġix (Professur Joseph Troisi vs Anthony Troisi sive Anthony Troisi de Menville, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ġunju 2016).

Għalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 845(1) eċċepita minn Carmelo Camilleri u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG